

32005R2109

22.12.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 337/25

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 2109/2005

tal-21 ta' Diċembru 2005

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 716/96 li jadotta miżuri eċċeazzjonali ta' appoġġ għas-suq tal-laħam taċ-ċanga fir-Renju Unit

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam taċ-ċanga u l-laħam tal-vitella ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tiegħu,

Billi,

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 716/96 ⁽²⁾ ipprovda għal skema Komunitarja kofinanzjata li tawtorizza lir-Renju Unit jixtri annimali tal-ifrat ta' aktar minn 30 xahar u joqtolhom fbiċċeriji spċificament magħżula.
- (2) Fl-opinjoni tiegħu tal-21 ta' April 2004, il-Grupp ta' Esperti Xjentifiku għar-riskji bijoloġiċi tal-Awtorităt Ewropea għas-Sigurta tal-İkel, dwar ir-raġunijiet xjentifiċi li jiġiustifikaw l-emendi proposti fl-iskema tar-Renju Unit għall-Esportazzjoni fuq Bażi Kronoloġika (*Date Based Export Scheme — DBES*) u r-regola li tipprobjixxi d-dħul fil-katina tal-ikel ta' annimali li l-età tagħhom hija 1 fuq minn 30 xahar (Over Thirty Months rule — OTM) jikkonkludi li l-ifrat imwielda jew imrobbija fir-Renju Unit qabel l-1 ta' Awwissu 1996 għandhom jitħallew barra mill-katina tal-ikel umana u minn dik tal-annimali, minħabba l-inċidenza akbar tal-enċefalopatja spongiiformi tal-ifrat (BSE) li ġiet irreggistrata f'dan il-grupp. Għall-ifrat li twieldu wara din id-data, l-opinjoni tikkonkludi li r-riskju tal-BSE għall-konsumaturi jinsab ffirxa komparabbli ma' dik fi Stati Membri oħra.
- (3) Fil-kuntest ta' din l-opinjoni, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/598/KE tat-2 ta' Awwissu 2005 li tipprobjixxi t-tqeħġid fis-suq ta' prodotti dderivati minn annimali tal-ifrat imwielda jew imrobbija fir-Renju Unit qabel l-1 ta' Awwissu 1996 għal kwalunkwe skop, u li teżenza dawn l-annimali minn ċerti miżuri ta' kontrolli u qerda stipulati fir-Regolament (KE) Nru 999/2001 ⁽³⁾ tpoġġi projbizzjoni tas-suq fuq il-prodotti kollha magħ-mula minn jew li jinkorporaw materjali ġejjin minn

⁽¹⁾ ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

⁽²⁾ ĠU L 99, 20.4.1996, p. 14. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 667/2003 (ĠU L 96, 12.4.2003, p. 13).

⁽³⁾ ĠU L 204, 5.8.2005, p. 22.

annimali tal-ifrat imwielda jew imrobbija fir-Renju Unit qabel l-1 ta' Awwissu 1996.

- (4) L-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 716/96 jistabbilixxu, rispettivament, il-prezz li għandu jitħallas għal kull kilogramm tal-annimali li jiddaħħlu fl-iskema prevista f'dan ir-Regolament, u r-rata għal kull annimal li biha l-Komunità għandha tikkofinanzja x-xiri tal-annimali. Fil-kuntest tad-Deċiżjoni 2005/598/KE, jeħtieġ li jittrażżu x-xiri u l-kofinanzjament Komunitarju previsti fir-Regolament (KE) Nru 716/96 fir-rigward tal-annimali mwielda jew imrobbija fir-Renju Unit qabel l-1 ta' Awwissu 1996.
- (5) Bil-ġhan li tinkiseb simplifikazzjoni, għandha tiġi stabbilta rata fissa għall-prezz tax-xiri kull ras għal kwalunkwe annimal mixtri taħt din l-iskema. Sabiex tingħata incenċiva lill-produtturi biex ma jtawlux iż-żmien tal-qatla ta' dawn l-annimali, il-prezz tax-xiri għandu jitnaqqas gradwalment matul is-snini sussegamenti.
- (6) Taħt l-iskema, il-Komunità għandha tikkofinanzja 50 % tax-xiri.
- (7) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla problemi bejn l-iskema kurrenti ta' aktar minn tletin xahar u l-iskema limitata għal annimali mwielda jew imrobbija fir-Renju Unit qabel l-1 ta' Awwissu 1996, huwa meħtieġ li tiġi spċificata d-data minn meta ser tibda tapplika din tal-aħħar.
- (8) Fil-kuntest tad-Deċiżjoni tal-awtoritajiet tar-Renju Unit biex mill-1 ta' Jannar 2005 japplikaw l-iskema tal-pagament uniku previst fit-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' għajnejna diretta taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 ⁽⁴⁾, id-dispożizzjoniżżeen fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 716/96 issa huma skaduti u għalda qstant għandhom jitħassru.

⁽⁴⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 118/2005 (ĠU L 24, 27.1.2005, p. 15).

- (9) Ir-Regolament (KE) Nru 716/96 għandu jiġi emendat f'dan is-sens.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-laħam taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 716/96 hu emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'li ġej:

“1. L-awtorità kompetenti tar-Renju Unit għandha tiġi awtorizzata tixtri kwalunkwe annimal tal-ifrat imwied jew imrobbi fir-Renju Unit qabel l-1 ta' Awwissu 1996, li ma juri l-ebda sintomu kliniku tal-BSE, ippreżentat lilha minn kwalunkwe produttur jew aġġent tiegħu, li matul perjodu ta' mill-inqas sitt xħur qabel ma nbiegħ kien f'ażjenda li tinsab fit-territorju tar-Renju Unit.”

- (2) L-Artikolu 2 hu emendat kif ġej:

- (a) Il-paragrafu 1 huwa ssostitwit b'li ġej:

“1. Il-prezz li jrid jitħallas lill-produtturi jew lill-aġenti tagħhom mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit skont l-Artikolu 1(1) għandu jkun:

- 360 EUR kull annimal għal xiri li jsir sal-31 ta' Diċembru 2006;
- 324 EUR kull annimal għal xiri li jsir matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2005.

— 292 EUR kull annimal għal xiri li jsir matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.”

- (b) Il-paragrafu 2 għandu jitħassar.

- (c) L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 hu ssostitwit b'li ġej:

“Għal kull annimal mixtri li jkun inqatel skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1, il-Komunità għandha tikkofinanza l-ispejjeż imħallsa mir-Renju Unit għax-xiri msemmi taħt l-Artikolu 1(1) bir-rata ta' :

— 180 EUR kull annimal għal xiri li jsir sal-31 ta' Diċembru 2006,

— 162 EUR kull annimal għal xiri li jsir matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007,

— 146 EUR kull annimal għal xiri li jsir matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.”

- (d) Il-paragrafu 4 għandu jiġi mħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak li fih tidher il-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament għandu jaapplika mit-23 ta' Jannar 2006.

*Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni*